# FIL-QORTI ĊIVILI – PRIM AWLA

## IMĦALLEF

## ONOR. IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

## Illum il-Hamis, 20 ta' Jannar, 2022

## Rik. Nru. 1924/2021ISB

Fl-Atti tar-Rikors għall-Ħruġ ta' **Mandat ta' Inibizzjoni Numru 1924/2021ISB** fl-ismijiet:

**Carmelo sive Charles Deguara (KI 760638M)**

Vs

**Anthony Deguara (KI 221340M) u**
**Mary Deguara (KI 171141M)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq fit-30 ta' Dicembru, 2021, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, ir-rikorrenti talbet li din il-Qorti toħroġ Mandat ta' Inibizzjoni biex iżżomm lill-intimati milli jbiegħu, ineħħu, jittrasferixxu jew jiddisponu *inter vivos* sew b'titolu oneruż jew gratuwitu l-ġid hemm imsemmi, u jiġifieri:

I. *Appartament internament immarkat numru erbgha (4) inkluz s-sehem indiviz tal-partijiet komuni tal-blokk u liema appartament jifforma parti minn blokk ta' sitt (6) appartamenti ufficjalment enumerati numru tlieta u hamsin (53) u bl-isem "Edmar Flats", fi Triq l-Gholjiet, Mellieha,*

II. *Appartament internament immarkat numru hamsa (5) inkluz s-sehem indiviz tal-partijiet komuni tal-blokk u liema appartament jifforma parti minn blokk ta'*

*sitt (6) appartamenti ufficjalment enumerati numru tlieta u hamsin (53) u bl-isem "Edmar Flats", fi Triq l-Gholjiet, Mellieha*

III. *Appartament internament immarkat numru sitta (6) inkluz s-sehem indiviz tal-partijiet komuni tal-blokk u liema appartament jifforma parti minn blokk ta' sitt (6) appartamenti ufficjalment enumerati numru tlieta u hamsin (53) u bl-isem "Edmar Flats", fi Triq l-Gholjiet, Mellieha*

u dan b'ħarsien ta' pretensjoni ta' sitt mitt elef Euro (€600,000) dikjarati jew likwidati "*għall-finijiet ta' dan il-mandat*" bhala "*ammonti dovuti inter alia bhala self brevi manu u/jew frodi u/jew misapproprjazzjoni u/jew danni u telf monitarju kkawzati lir-rikorrent*";

Rat id-digriet tagħha tat-30 ta' Dicembru, 2021, li bih din il-Qorti laqgħet it-talba provviżorjament, ordnat in-notifika lill-intimati bi żmien għat-tweġiba u poggiet ir-rikors għas-smigħ ghall-udjenza tal-17ta' Jannar 2022;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-intimati konjugi Deguara tas-7 ta' Jannar 2022, li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra, laqgħu għat-talba tal-ħruġ tal-Mandat u qalu li l-istess talba ghandha tigi michuda ghar-ragunijiet hemmek indikati.

Rat id-dokumenti kollha esebiti.

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet waqt l-udjenza tas-17 ta' Jannar, 2022, f'liema data, ir-Rikors thalla għall-provvediment *in camera* li qed jinghata appuntu llum.

Rat l-atti kollha tar-Rikors;

***Ikkunsidrat:***

Illi r-rikorrenti **Carmelo sive Charles Deguara** jrid li din il-Qorti żżomm lill-intimati milli b'xi mod, kemm jekk oneruż u kif ukoll gratuwitu, jneħħu jew jiddisponu minn ġid reġistrat fuq isimhom, u dan sabiex jitħarsu l-pretensjonijiet tieghu, ossia il-hlas tas-somma ta sitt mitt elf Euro (EUR600,000) dovut inter alia bhala self-brevi manu u/jew frodi u/jew misapproprjazzjoni u/jew danni u telf monitarju kkawzati lir-rikorrent;

Illi, fit-tweġiba taghhom, **l-intimati** jgħidu li l-pretensjoni tar-rikorrent ghandha tigi michuda bl-ispejjes ghaliex mir-rikors ma jirrizulta xejn car x'inhi l-pretensjoni tar-rikorrent, jekk hux self brevi-manu, frodi, misapproprjazzjoni jew danni. Jsostnu illi r-rikorrent naqas milli jipprova l-irrimedjabilita' tad-dannu li jsofri jekk il-Mandat ma jintlaqax. Jecepixxu l-irritwalita' tar-rikors u li r-rikors huwa wiehed fieragh u vessatorju u jitlobu lill-Qorti tikkonsidra l-imposizzjoni ta' penali kif kontemplat fil-ligi.

**Ikkunsidrat ulterjorment**:

Illi din il-proċedura tal-lum tressqet ai termini ta' l-artikolu **874 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta** u trid titqies fil-qafas tal-ħtieġa li Mandat ta' Inibizzjoni, jekk jintlaqa', jkun jista' jintrabat ma' ġid li bla xkiel ikun identifikat u magħruf, ladarba l-għan ta' mandat bħal dak mhuwiex li jittrasferixxi l-ġid milqut imma biss li jidentifikah u jagħrfu minn ġid ieħor;

Illi għal finijiet tal-artikolu 874 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, il-kejl waħdieni li trid tqis il-Qorti huwa biss jekk kemm-il darba l-pretensjoni ta' min jitlob il-ħruġ ta' Mandat bħal dak taqbiżx l-ammont ta' ħdax-il elf, sitt mija u sitta u erbgħin euro u sitta u tmenin ċenteżmi (€11,646.86). Jekk taqbeż dik is-somma, dak l-element jikkostitwixxi l-jedd mad-daqqa t'għajn tar-rikorrenti biex jinħareġ il-Mandat minnha mitlub.

Tqis ukoll li l-artikolu 874(1) jgħid ċar li Mandat bħal dak jista' jinħareġ fuq is-saħħa ta' "*dejn, jew kull pretensjoni oħra"* sakemm tkun pretensjoni li taqbeż l-ammont li dwaru Mandat bħal dak jista' jinħareġ. Il-liġi ma tgħidx u ma tiddistingwix x'għamla ta' pretensjoni tista' tkun, sakemm hija pretensjoni li tissarraf f'valur ogħla mil-limitu msemmi f'dak l-artikolu.

Illi, minkejja t-termini partikolari tal-imsemmi artikolu, <u>huwa meħtieġ li min jitlob il-ħruġ ta' Mandat bħal dan juri lill-Qorti x'għamla ta' pretensjoni hi u kif il-ħruġ tal-Mandat huwa meħtieġ għall-ħarsien tagħha</u>. Il-Qorti ma tistghax ma tinnotax illi il-pretensjoni mressqa u kif mnizzla fit-talba ghall-hrug tal-Mandat mhi cara xejn. Certament illi huwa legittimu jinghad illi minn qari tal-pretensjoni mressqa fil-Mandat, il-Qorti ghandha addirittura dubbji serji dwar kemm ir-rikorrent jaf ta' xiex qed jippretendi l-ammont hekk likwidat ai fini ta' dan il-Mandat.

Qabel xejn, irid jinghad illi jekk inhu self brevi manu, ftit jinftiehem kif jista' jinghad illi kien hemm frodi jew misapproprjazzjoni. Minn fejn jemani d-dannu riklamat mir-rikorrent ftit jinftiehem, ghaliex jekk kien self, allura id-dannu al piu` huma l-imghaxijiet, mentri jekk kien hemm frodi jew misapproprjazzjoni, kien ikun tajjeb illi r-rikorrent, mqarr fuq livell *prima facie*, ighid u jispjega kif wasal ghal figura minnhu kkawtelata.

F'dawn il-proceduri, il-Qorti mhix mitluba li tara x'jeddijiet ghandu l-intimat izda ai termini tal-artikolu 874 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, <u>tara oggettivament jekk ir-rikorrenti ghandhomx pretensjoni ta' jedd</u>. Mhix il-kompitu tal-Qorti fl-atti tal-mandat tara jekk il-jedd pretiz hux suxxettibbli ghal success fil-mertu, izda biss jekk il-jedd pretiz jikkwalifikax bhala tali ai finijet oggettivi tal-ligi.

Minn qari biss tal-atti u ghar-ragunijiet hawn fuq spjegati, il-Qorti ma tistax tasal sabiex b'konvinciment morali u serenita' tghid illi r-rikorrent rnexxielu jipprova illi ghandu xi jedd, anzi, tikkonkludi illi lanqas l-istess rikorrent ma jaf x'jedd jahseb illi ghandu u jrid jipprotegi.

**GHALDAQSTANT**, il-Qorti qegħda:

1. **Tichad it-talba** tar-rikorrenti ghal hrug tal-Mandat **b'mod definittiv u tirrevoka contrario imperio** id-digriet provvizorju taghha tat-30 ta' Dicembru 2021.

2. **Tordna** lir-rikorrent iħallas l-**ispejjeż ta' din il-proċedura**.

**Mogħti kameralment illum, l-20 ta' Jannar, 2022.**

**Onor. Ian Spiteri Bailey**
**Imħallef**

**Marisa Bugeja**
**Dep. Registratur**